MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 792/2005

Fl-atti tac-citazzjoni nru 828/2001 NC

Wara l-mandat ta’ sekwestru nru 1235/05 fl-ismijiet:

**Gemma Borg, Mary Darmanin, Rita Debono u Tanya Baldacchino**
**Vs**
**The Cargo Handling Company Limited [C2490]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited fis-26 ta’ Awissu 2005 li permezz tieghu talbet il-kundanna ta’ l-intimati sabiex ai termini ta’ l-artikolu 838A tal-Kap.12 jiddepozitaw fi zmien qasir u perentorju garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali, danni u imghax, u fin-nuqqas li jaghmlu dan thassar l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru de quo; u dana

wara li ppremettew li l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru kienet fiergha, vessatorja u malizjuza fid-dawl tas-segwenti:

[1]li l-mandat sar minghajr l-interpellanza rikjesta mill-Art.836[8][b] liema nuqqas jintitola lis-socjeta’ tipprocedi fit-termini ta’ l-artikoli 836[9] ta’ l-imsemmi Kap;

[2] li l-mandat sar biex jivvessa lis-socjeta’ u mhux biex jikkawtela pretensjoni, stante li s-socjeta’ qatt ma tat indikazzjoni li jista’ jkollha xi diffikulta’ li tonora sentenza ta’ din il-Qorti, kif del resto sar fil-passat;

[3] il-kawza bejn iz-zewg partijiet ilha pendenti erba snin u, skond l-istess socjeta’, sar dewmien inutili attribwibbli ghan-naha tal-intimati;

[4] li l-intimati naqsu li jikkontrollaw l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru tant li gew sekwestrati zewg ammonti f’ zewg banek differenti;

Is-socjeta’ rikorrenti rrizervat id-dritt li ulterjorment tipprocedi kontra l-atturi ai termini ta’ l-artikolu 836[9] tal-Kap.12

Rat ir-risposta tal-intimati prezentata fil-25 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dawn cahdu l-allegazzjonijiet maghumla mir-rikorrenti fil-konfront taghhom. Huma sostnew li l-hrug tal-mandat kien urgenti in vista tal-fatt li l-kuntratt tas-socjeta’ rikorrenti kien ser jaghlaq fis-sena 2006, u ghalhekk riedu jikkawtelaw il-posizzjoni taghhom jekk ikun hemm operaturi godda. Huma jghidu li l-mandat sar fiz-zmien meta kienu ser jintefghu l-offerti ghal expression of interest li ghamel il-Gvern ghar-riforma fil-portijiet peress li kien hemm ghajdut li l-istess socjeta’ ma kienitx ser titfa l-offerta’ taghha. Fil-fatt, skond l-intimati, meta s-sejha ghall-offerti ghalqet f’ Settembru 2005 irrizulta li s-socjeta’ rikorrenti ma tefghetx it-tender taghha;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-26 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu l-intimati ddikjaraw li huma saru jafu li nqabdu zewg ammonti separati f’ zewg banek separati

meta rcevew il-kopja tar-rikors, u obbligaw ruhhom li dak in-nhar stess kienu ser iwaqqghu is-sekwestru fil-konfront ta' wiehed mill-banek;

Rat il-verbal maghmul fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2005 li biha l-ammont indikat fir-rikors gie ridott ghas-somma ta' Lm109,000, stante li fil-mori ta' dawn il-proceduri saret transazzjoni ma' wahda mill-intimati;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' citazzjoni numru 828/2001 fl-ismjiet premessi li permezz tieghu l-intimati, allura atturi, talbu l-kundanna tas-socjeta' rikorrenti ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni relattiv ma' l-impieg taghhom mas-socjeta' rikorrenti, allura konvenuta.

Illi fil-mori tal-proceduri l-intimati ghamlu diversi tentattivi ma' ufficjali tas-socjeta' rikorrenti sabiex jithallsu l-ammont dovut lilhom bhala overtime, izda jidher li l-isforzi taghhom kienu inutili, u, nonostante li impjegati ohra kienu ottjenew sentenza tal-Qorti favur taghhom u thallsu mill-kumpanija, is-socjeta' ma rieditx tikkommetti ruhha fil-konfront ta' l-intimati u l-attitudini taghha kienet li jistennew il-konkluzjoni tal-proceduri gudizzjarji fil-kawza premessa.

Illi ghal habta ta' Awissu ta' din is-sena harget sejha ghall-offerti ghal expression of interest ghal-riforma fil-portijiet. Illi l-intimati semghu ghajdut fis-sens li s-socjeta' rikorrenti ma kienitx ser titfa' l-offerta f' dan it-tendering process, u di fatti rrizulta nkontestat li meta dan il-process ghalaq f' Settembru 2005, xahar wara, ir-rikorrenti ma kienitx tefghet it-tender taghha. Dan gie konfermat mill-financial comptroller tal-kumpanija.[1]
Illi l-istess financial comptroller ikkonferma wkoll li l-kuntratt tas-socjeta' The Cargo Handling Company

[1] Dep.Enrico Overend – fol.40

Limited kien jiskadi fit-30 ta’ Gunju 2006. L-intimati esprimew l-biza taghom li jekk wara din id-data jintghazel operatur gdid “dan ifisser li la fis-sena 2006 ix-xoghol tas-socjeta’ jekk mhux ser jieqaf ghal kollox, ser jonqos drastikament u sostanzjalment bil-konsegwenza li l-introitu ta’ l-istess socjeta’ ser ikun affettwat negattivament..” u ghalhekk kien hemm il-htiega li d-drittijiet taghhom jigu salvagwardati.

Illi fil-kaz in disamina, tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti mhumiex qed jitlobu l-hlas tal-penali kif kontemplat fis-sub inciz [8] u/jew hlas tad-danni kif kontemplat fis-sub inciz [9] tal-Artikolu 836, mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti li tezamina jekk jikkonfigurawx il-fatturi jew wiehed mill-fatturi kontemplati fis-sub inciz [8]. Dan jispetta lill-Qorti fi proceduri appositi skond dawn is-sub incizi. Fil-kaz odjern dak li jehtieg li tezamina din il-Qorti huwa jekk tezistix <u>kawza gusta</u> sabiex ir-rikorrenti jigu imgieghla jaghtu garanzija xierqa ghal hlas tal-penali jew tad-danni f’ kaz li dawn jigu imposti fi proceduri appoziti.

Illi kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet Mediterranean Film Studios vs Albert Galea [mandat ta’ inibizzjoni numru 937/00] il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju mhux bizzejjed sabiex tintalab il-garanzija taht l-Artikolu 838A. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-ligi; ghax li kieku kien hekk, il-ligi kienet tghid li kull min jinhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija. Imma l-ligi trid ukoll li, barra l-hrug tal-mandat jkun hemm kawza gusta.

Illi fil-kaz in disamina ma gietx provata kawza gusta li tattiva l-applikazzjoni ta’ l-artikolu li fuqu huwa bazat ir-rikors. Ic-cirkostanzi li fil-kuntest taghhom l-intimati talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat jimmilitaw kontra t-tesi tas-socejta’ rikorrenti li dan sar biex jivvessa lill-istess socjeta’ jew b’ malizja sabiex jaghmel hsara lill-istess. Inoltre, ma jirrizultax li dawna ghandhom xi pretensjoni fiergha u li m’ ghandhomx drittijiet x’ jigu kawtelati. Di piu’ ma tressqux provi diretti biex jistabilixxu li l-intimati m’ ghandhomx mezzi sufficjenti sabiex jaghmlu tajjeb ghall-penali jew danni talvolta li dawn jigu imposti fuqhom.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li r-rikorrenti ma kkontestawx l-quantum ta' l-ammont kawtelat jew urew li dan kien eccessiv; jew li dan kien qed jirreka pregudizzju serju ghall-kumpanija. Ghall-kuntrarju l-Financial Comptroller tal-kumpanija fix-xhieda tieghu jghid li l-kumpanija "kienet ghaddejja u ghadha ghaddejja in a healthy financial situation" u li l-effett tas-sekwestru kien biss dak li imbarazza lill-kumpanija fil-konfront tal-kredituri li topera maghhom.

Inoltre, rigward l-allegazzjoni li l-intimati naqsu li jsegwu u jikkontrollaw l-effetti tal-mandat, jigi osservat li malli l-intimati saru jafu li s-sekwestru kien qed jaffettwa kontijiet tas-socjeta' rikorrenti f' zewg kontijiet banek separati bir-rizultat li l-ammont sekwestrat kien in eccess ghal dak mitlub, huma hadu passi immedjati sabiex jirregolaw ruhhom f' dan ir-rigward.

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti thoss li ma tezistix kawza gusta fit-termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kap.12 ghall-applikazzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Avukati: **Dr. Aaron Mifsud Bonnici** u **Dr. Jason Azzopardi** jew **Dr. Kris Busietta**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------